DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2004

(2006/839/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2004 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri fuq il-kontijiet annwali finali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet tal-Eurojust ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 — C6 - 0093/2006),

— wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu, u t-Trattat ta' l-UE, b'mod partikulari l-Artikolu 41 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA tat-28 ta' Frar 2002 li biha twaqqfet l-Eurojust bil-ħsieb li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità serja ([4]), u partikularment l-Artikolu 36 ta' l-istess Deċiżjoni,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regola 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0092/2006),

1. Jinnota l-figuri li ġejjin għall-kontijiet ta' l-Eurojust għas-snin finanzjarji 2004 u 2003:

Kont tad-dħul u ta' l-infiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2003

(f' EUR 1 000)

	2004	2003 ([1])
Dħul		
Sussidji Komunitarji	8 726	6 441
Dħul ieħor	397	12
Total (a)	**9 123**	**6 453**
Nefqa		
Xiri ta' merkanzija u servizzi	4 476	3 228
Nefqiet tal-persunal	4 142	2 112
Deprezzament	332	211
Total (b)	**8 950**	**5 551**
Riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja (a – b)	**173**	**902**

([1]) L-istqarrijiet finanzjarji għall 2003 ġew mogħtija mill-ġdid sabiex jieħdu in konsiderazzjoni l-ammonti li jitħallsu lura minħabba r-rizultat pożittiv tal-baġit lill Kummissjoni Ewropea għas-snin 2003 u 2002.

([1]) ĠU C 269, 28.10.2005, p. 33.
([2]) ĠU C 332, 28.12.2005, p. 68.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p 1.
([4]) ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2003/659/JHA (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 44).
([5]) ĠU L 357, 13.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2004;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u sabiex tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Josep BORRELL FONTELLES

Is-Segretarju Ġenerali
Julian PRIESTLEY